**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 4 ta' Novembru 2020**

**Rik. Gur. Nru.: 318/2018 JPG**

**Kawza Nru.: 17**

**MP f'isimha proprju u bhala kuratrici ghad litem tal-minuri bl-isem KP**

**Vs**

1. **RZ**
2. **U b'digriet tad-9 ta' Jannar 2019, gew nomiinati Dr Noel Bartolo u PL Quentin Tanti bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw**
3. **lill-assenti JS**
4. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MP datat 5 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi nhar it-3 ta' Settembru 2010 l-esponenti welldet lill-minuri bl-isem KP, certifikat hawn anness u mmarkat Dokument A.*

2. *Li l-missier naturali huwa definittivament il-konvenut RZ u dan minhabba li l-*

*omm rikorrenti dejjem kellha relazzjoni intimata mieghu fiz-zmien li gie konceputa kif ukoll twieldet il-minuri. Dan tant hu minnu li minkejja li c-certifikat tat-twelid juri xorta ohra, il-minuri dejjem giet informalment rikonoxxuta minn missierha naturali RZ u ilhom f'kuntatt mit-twelid u ghadhom jitkellmu sa llum.*

3. *Illi madanakollu, mill-att tat-twelid jirrizulta li meta gie irregistrat it-twelid tal-minuri dan gie rregistrat fuq zewg ir-rikorrenti certu JS u dan minhabba li dan kien ghadu jidher mizzewweg mar-rikorrenti;*

4. *Illi c-certifikat tat-twelid certament ma jirriflettix ir-realta' dan jinghad iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li l-konvenut JS kien ilu ghal zmien twil li abbanduna lir-rikorrenti u sahansitra ma kienx jinsab Malta.*

5. *Dan huwa kollu korraborat mis-sentenza li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u JS datata 6 ta' Ottubru 2011 (hawn annessa u mmarkata Dokuemnt B) fejn tikkonferma li S kien ilu ghal zmien twil imbieghed minn martu u ghalhekk tezisti l-impossibilita' fizika li l-minuri qatt tistgha tkun il-wild ta' JS;*

6. *Illi ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi ddikkjarata l-paternita' reali taghha;*

7. *Illi ghalhekk huwa mehtieg ukoll illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri jirrifletti ukoll dan l-istat ta' fatt;*

8. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant prevja kull dikjarazzjoni mehtiega, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgboha:*

1. *Tiddikjara illi l-minuri KP mwielda fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena 2010 hija l-wild naturali tal-konvenut RZ;*

2. *Tiddikjara illi l-intimat assenti JS ma huwiex il-missier tal-minuri KP;*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri KP, jaghmel is-sostituzzjonijiet billi jithassra minnu kull referenza ghall-konvenut JS*

*u l-konnotati riferibbli għalih;*

4. *Tordna lid-Direttur tar-Registru sabiex fl-att tat-twelid tal-miunri jagħmel is-sostituzzjonijiet meħtieġa sabiex jitnizzlu l-konotazzjonijiet tal-missier bioloġiku tal-minuri RZ hekk kif ser jiġi stabbilit fil-mori tal-kawża;*

5. *Mingħajr preġudizzju għat-talbiet suesposti u fin-nuqqas li jiġi stabbilit min hu l-missier naturali tal-minuri KP, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-miunri KP jagħmel is-sostituzzjonijiet meħtieġa illi fejn fl-att hemm referenza għall-konnotati tal-konvenut JS dawn jiġu sostitwiti bil-kliem 'Unknown Father';*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta' Jannar 2019, a fol 16 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi bla ħsara għal premess, l-esponenti jeċċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx abbażi ta' liema artikolu qed issejjes din l-azzjoni. Nonostante dan, l-esponent qiegħed jifhem illi tali azzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, l-esponent jirrileva li, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti, jidher li hemm nieqsa ukoll l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivli u dan sabiex l-attriċi tkun tista' tipproċedi b'din l-azzjoni stante li t-terminu stabbilit fil-liġi ta' sitt (6) xhur, f'liema perjodu l-attriċi kellha se mai tipproċedi, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi bil-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieh l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, l-esponenti jiddikjara li m'huwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi fil-meritu l-esponenti jeċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid primarjament tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin*

*gurnata qabel it-tewlid tal-minuri, hija kellha relazzjoni extra-maritali ma' RZ u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lil JS, bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lil partijiet ikkoncernati sabiex tigi pprezentata minnhom d-dettalji personali ta' RS, permezz ta' nota li tispecifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet il-minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet l-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi ghaldaqstant fir-rigward tat-talbiet kif dedotti, l-esponenti jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont kif jidrilha xieraq u opportun. Maghdud ma' dan, l-esponenti jissottometti izda li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex atribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa tigi ingunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr Noel Bartolo u PL Quentin Tanti fil-kwalita' taghhom ta' Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti JS, datata 12 ta' Frar 2019, a fol 36, li taqra hekk:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnxxielhom jottjenu informazzjoni*

*dwar l-assenti u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovidlhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar l-istess assenti.*

2. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-rikors ta' MP datata 26 ta' Marzu 2019, a fol 40, li permezz tieghu tablet ghall-awtorizzazzjoni biex tipprocedi b'din il-kawza ai termini tal- Artikolu 77C, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru 2019 (fol. 56) tal-permezz ta' liema awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi b'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 77C tal-Kodici Civili;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ezaminat it-testimonjanza guramentata permezz tal-affidavit;

Rat in-nota ta' RZ tad-29 ta' Ottubru 2019 (fol. 49) permezz ta' liema ammetta t-talbiet attrici u kkonferma li huwa l-missier bijologiku tal-minuri KP;

**Ikkonsidrat:**

**Dr. Marisa Cassar** xehdet permezz ta' affidavit a fol 58 illi mit-testijiet genetici li ghamlet fuq kampjuni orali li gabret mill-attrici, RZ u l-minuri rrizulta illi Z huwa l-missier bijologiku tal-minuri.

**MP** xehdet permezz ta' affidavit a fol 66 illi hija kienet izzewget lill JS fit-2 ta' April 2003 u huwa kien abbandunaha ftit wara, u ma fadlilha l-ebda kuntatt mieghu. Spjegat illi waqt li S kien barra minn Malta hija bdiet tiffrekwenta lill-konvenut Z u kienet harget tqila minn din ir-relazzjoni. Kompliet illi hija kienet bdiet proceduri ta' separazzjoni personali minn ma' S (Rikors Guramentat nru. 300/10 AF) li gew decizi fit-6 ta' Ottubru 2011. Xehdet illi l-minuri kienet twieldet fit-3 ta' Settembru 2010, waqt illi l-proceduri ta' separazzjoni personali msemmija kienu ghadhom pendenti u ghalhekk il-konvenut Z ma setghax jirrikonoxxi lill-minuri ghalkemm xtaq

illi jaghmel hekk. Ziedet illi minkejja dan, il-minuri ilu jkollha access ma' Z sa minn twelidha u taf lil ulied Z u tirrikonoxxihom bhala hutha.

**In kontro-ezami** xehdet illi hija ilha ma tara lill-konvenut S ghal cirka hdax -il sena u m'ghandha l-ebda mod kif taghmel kuntatt mieghu.

**RZ** xehed permezz ta' affidavit a fol 67 illi huwa kien f'relazzjoni mal-attrici u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri KP. Spjega illi huwa qatt ma ltaqa' mar-ragel tal-attrici ghaliex meta ltaqa' mal-attrici hija kienet diga giet abbandunata minn zewgha. Xehed illi huwa dejjem gharaf lil minuri K bhala bintu izda ma setghax jirrikonixxiha legalment peress illi l-awtoritajiet kienu avzawh illi biex jirrikonoxxi lill-minuri kellu jipprocedi b'kawza ghaliex l-attrici kienet ghadha mizzewga ma' S. Zied illi huwa iqis lil minuri bhala bintu u dan sa minn mindu twieldet.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> "***It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikunqiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u proviġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġeniturnaturali tal-wild.***"

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 81 jipprovdi illi:

> "**(1)** ***Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid***

***tiegħu.*”**

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

**"*(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***

***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***

***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

**"*Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.*"**

Il-Qorti rat illi l-minuri KP twieldet fit-3 ta' Settembru 2010, u giet irregistrata bhala bint JS, li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg mal-attrici, ghalkemm kien hemm pendenti

proceduri ta' separazzjoni personali istitwiti mill-attrici, li gew decizi kwazi sena wara t-twelid tal-minuri, u cioe fis-6 ta' Ottubru 2011. Illi jirrizulta u mhux kontestat illi fiz-zmien tal-koncepiment l-attrici u S ma kinux joqghodu flimkien ghaliex S kien abbanduna lill-attrici ftit wara z-zwieg taghhom kif gie kkonfermat fis-sentenza ta' separazzjoni personali msemmija. Jirrizulta wkoll illi waqt li dawn il-proceduri ta' separazzjoni personali kienu pendent, l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut RZ, u kemm hi kif ukoll RZ minn dejjem gharfu illi l-minuri kienet bint Z. Filfatt jirrizulta illi Z xtaq illi jigi rrikonoxxut bhala l-missier bijologiku tal-minuri izda ma setghax jigi hekk irregistrat peress illi l-minuri twieldet waqt li l-attrici kienet ghadha legalment mizzewga lil S u ghalhekk it-tarbija giet awtomatikament irregistrata bhala bint S. Minkejja dan, jirrizulta illi l-minuri dejjem kienet taf lil Z bhala missierha u anke ghandha relazzjoni mal-ulied l-ohra ta' Z li tirrikonoxxi bhala hutha.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi RZ huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "***Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.***"

Rat ukoll illi t-tieni proviso tal-Artikolu 77 jipprovdi illi:

> "***Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu***

***preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*"**

Relevant wkoll huwa r-raba' proviso tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

**"*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezzta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier.*"**

Il-Qorti rat illi l-attrici ma ghamlet l-ebda talba jew sottomissjoni fir-rigward tal-kunjom tal-minuri. Illi ikkonsidrat illi l-minuri dejjem kienet taf u kienet maghrufa bhala bint il-konvenut Z, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi l-minuri tista' tigi pregudikata bil-bidla fil-konjom taghha, u tqis inoltre li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li kunjomha jkun jirrifletti r-realta bijologika u socjali illi wara kollox dejjem ghexet fiha. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-kunjom tal-minuri ghandu jinbidel ghal "ZP" minflok "SP".

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku stante li l-meritu taghha huwa ezawrit, billi:**

**(1) Tiddikjara li l-konvenut JS ma hux il-missier naturali ta' KP;**

**(2) Tiddikjara li l-minuri KP, hija effettivament il-wild naturali tal-konvenut RZ;**

**(3) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' KP liema att ghandu n-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

**(a) jbiddel l-kunjom "SP" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "ZP";**

**(b) jhassar il-kliem "JS" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "RZ"; ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija; ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija indikata fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Y" ihassar n-numru indikat fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "W"; ihassar l-post indikat fil-kolonna "Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda ir-residenza ta' "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "FM"; ihassar il-kliem indikati u minflok inizzel il-kliem "AZ (haj)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet" b'referenza ghall-missier patern.**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**